**Nru. 1052**

## L-AWTORITÀ TA’ MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

### Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b’mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta’ studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Numru ta’ Referenza: | TRK. 154032/EA 00026/14 |
| Post: | *Site* f’Ta’ San Ġakbu, Ta’ Qali, Ħ’Attard, Malta |
| Proposta: | Bini ta’ ċimiterju għall-klieb u l-qtates. |

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma’ numru ta’ miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kienet sottomessa lill-Awtorità fit-25 ta’ Lulju, 2014 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-31 ta’ Awwissu, 2014.

**No. 1052**

## MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

### Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

| | |
|---|---|
| Reference Number: | TRK. 154032/EA 00026/14 |
| Location: | Site at ‘Ta’ San Ġakbu, Ta’ Qali, Ħ’Attard, Malta |
| Proposal: | Construction of dogs and cats cemetery |

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 25th July, 2014 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 31st August, 2014.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impacts*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Emissjonijiet fl-arja | L-iżvilupp propost se jikkonsisti f’faċilità ta’ inċineratur li jaħdem bil-gass. Dan se jopera f’temperatura ta’ aktar minn 1100 gradi *Celsius* biex tiġi żgurata kombustjoni kompluta u biex ma jkunx hemm l-ebda emissjoni ta’ gassijiet perikolużi.<br><br>M’huma previsti l-ebda impatti sinifikanti waqt il-fażi ta’ kostruzzjoni minħabba l-iskala tal-istrutturi proposti. Waqt il-fażi tal-operat, iċ-ċimiterju per se mhux mistenni li jkollu effetti ambjentali sinifikanti minħabba li mhux se jinvolvi ħażna, trasport, immaniġġar jew produzzjoni ta’ sustanzi perikolużi.<br><br>Fir-rigward tal-inċineratur, peress li dan se jkun qed jipproċessa karkassi ta’ annimali mingħajr riskju ta’ infezzjoni; m’huwa previst l-ebda impatt ambjentali sinifikanti. Barra minn hekk, l-operat mhux mistenni li jwassal għal emissjonijiet sinifikanti fl-arja, għalhekk l-impatti huma mistennija li jkunu ta’ sinifikanza baxxa jew tal-ebda sinifikanza minħabba fl-ispeċifikazzjonijiet tal-inċineratur u l-proċess ta’ ħruq sekondarju. |

| | |
|---|---|
| *Emissions to air* | *The proposed development shall accommodate an incineration facility working on gas fuel. This will operate at a temperature in excess of 1100 degrees Celsius, ensuring complete combustion and no emission of hazardous gases.*<br><br>*No significant impacts are envisaged during the construction phase given the scale of the proposed built structures. During operations, the pet cemetery per se is not likely to have significant environmental effects given that it will not involve storage, transport, handling or production of harmful substances/materials.*<br><br>*With respect to the operations of the incinerator facilities and given that it is expected that the facility will be strictly processing animal carcasses, with no risk of infection, no significant environmental impact is envisaged. Furthermore, operations are unlikely to lead to any significant emissions to air, thus impact shall be of little to no significance due to the incinerator's specifications and secondary burning process.* |
| Ħolqien ta' skart | L-impatti li jirriżultaw mill-ammont ta' skart iġġenerat matul il-fażi ta' kostruzzjoni mhumiex meqjusa bħala sinifikanti. Iċ-ċimiterju per se mhux mistenni li jkollu effetti ambjentali sinifikanti minħabba li ebda skart solidu mhu se jiġi ġġenerat.<br><br>Fir-rigward tal-operat tal-inċineratur, peress li dan se jkun qed jipproċessa karkassi ta' annimali mingħajr riskju ta' infezzjoni; mhuma previsti l-ebda impatti ambjentali sinifikanti. L-immaniġġar tal-iskart hu soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2011 dwar l-Iskart.<br><br>Mhux mistenni li l-operat għandu jwassal għal emissjonijiet fl-arja, madanakollu jekk ikun hemm xi fdalijiet tal-irmied li jirriżulta mill-proċess, dan ikun irid jintrema skont ir-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-2011 dwar l-Iskart (Avviż Legali 184 tal-2011). |
| *Waste generation* | *The impacts arising from the amount of waste generated during the construction phase are not considered significant. The pet cemetery per se is not likely to have significant environmental effects given that no solid wastes shall be generated.*<br><br>*With respect to the operations of the incinerator facilities and given that it is expected that the facility will be strictly processing animal carcasses, with no risk of infection, no significant environmental impact is envisaged. It should be noted that the management of waste is subject to the provisions of the Waste Regulations, 2011.*<br><br>*Operations are not likely to generate emissions to air, however any ash remains would need to be disposed of in line with the requirements of the Waste Regulations, 2011.* |
| Riskju ta' kontaminazzjoni | Filwaqt li jista' jirriżulta xi tixrid waqt il-kostruzzjoni; impatti minn dawn huma mistennija li jkunu ta' sinifikanza minuri jew ta' ebda sinifikanza peress li t-tixrid jista' jittaffa permezz tal-applikazzjoni xierqa tal-miżuri ta' mitigazzjoni identifikati fir-Regolamenti tal-2007 dwar il-Ġestjoni Ambjentali f'siti ta' Kostruzzjoni.<br><br>Impatti waqt operat huma mistennija li jkunu ta' ftit jew ebda sinifikanza peress li r-riskji ta' kontaminazzjoni ta' art jew ilma minn dan it-tixrid x'aktarx ikunu remoti. |
| *Risks of contamination* | *Construction related spillages may result, however these are expected to be of minor to no significance given that any spillages can be mitigated through the proper application of appropriate mitigation measures identified in the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007.*<br><br>*Impacts during operation are expected to be of little or no significance given that risks of contamination of land or water from such releases are likely to be remote.* |

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Is-17 ta' Ottubru, 2014

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserve the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

17th October, 2014